KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 23 ta' Novembru 2004
(OR. en)

15130/04

JAI 490
ASIM 47

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Presidenza
lil:	Coreper (it-tieni parti)
Dok. preċ.	14497/04 JAI 441 ASIM 41
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tipprovdi għal ċerti oqsma koperti minn titolu IV ta' Parti tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li għandha tiġi rregolata mill-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat.

Jekk jogħġbok sib mehmuż kopja ta' l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-passaġġ għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u ko-deċiżjoni kif previst fil-kapitolu III paragrafu 1.1.2 tal-programm ta' Aja adottat mill-Kunsill Ewropew fil-5 ta' Novembru 2004, wara li jittieħed kont tar-riżultat tad-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Coreper tat-18 ta' Novembru 2004.

ABBOZZ

Deċiżjoni tal-Kunsill

li tipprovdi għal ċerti oqsma koperti minn Titolu IV ta' Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li għandhom jiġu rregolati mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat[1]

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 67(2) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi:

1. Taħt it-Trattat ta' Amsterdam il-Komunità Ewropea kisbet is-setgħa li tadotta miżuri fil-qasam ta' viżi, asil, immigrazzjoni u linji politiċi oħra relatati mal-moviment liberu ta' persuni, kif stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

2. Taħt l-Artikolu 67 tat-Trattat, kif introdott bit-Trattat ta' Amsterdam, bosta mill-miżuri kellhom jiġu adottati mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

[1] Riserva parlamentari minn IRL u UK

3. Taħt it-tieni inċiż tal-paragrafu 2, ta' l-istess Artikolu 67, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jieħu deċiżjoni, wara perijodu transitorju ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, bil-ħsieb li jipprovdi għal partijiet kollha jew partijiet mill-oqsma koperti mit-Titolu IV li għandu jiġi rregolat mill-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

4. Skond l-emenda għat-Trattat magħmula mit-Trattat ta' Nizza l-Kunsill għandu, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251, jadotta l-miżuri relatati ma' l-asil previsti fl-Artikolu 63(1)(2)(a) sakemm il-Kunsill, b'mod unanimu u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, adotta leġislazzjoni Komunitarja li tiddefinixxi r-regoli komuni u l-prinċipji bażiċi li jirregolaw dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll il-miżuri dwar koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili previsti fl-Artikolu 65 bl-eċċezzjoni ta' aspetti relatati mal-liġi tal-familja; dawk id-disposizzjonijiet mhumiex affettwati minn din id-Deċiżjoni.

5. Barra minn hekk, skond il-Protokoll dwar l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, anness mit-Trattat ta' Nizza għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, sa mill-1 ta' Mejju 2004 il-Kunsill għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, meta jkun qed jadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 66 tat-Trattat; dak il-Protokoll mhux affettwat minn din id-Deċiżjoni.

6. Minbarra s-segwitu tat-Trattat ta' Nizza, meta kien qed japprova "il-Programm ta' l-Aja": "Tisħiħ tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea" fil-laqgħa tiegħu ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 il-Kunsill Ewropew staqsa lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 67(2) tat-Trattat KE sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2005 bl-effett li l-Kunsill hu meħtieġ jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 meta jadotta, b'konfomità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirrelataw ma' l-għażla ta' bażi legali għal atti komunitarji, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 62(1)(2)(a) u (3) u l-Artikolu 63(2)(b) u 3(b) tat-Trattat.

7. Madankollu, il-Kunsill Ewropew kien tal-fehma li, sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, il-Kunsill għandu jkompli jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew meta jadotta miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal u bejn l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 63(3)(a) u (4) tat-Trattat.

8. It-transizzjoni għal proċeduri ta' ko-deċiżjoni għall-adozzjoni ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 62(1) tat-Trattat hi mingħajr preġudizzju għal ħtieġa li l-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu meta jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni, l-Artikolu 15(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li tirrigwarda l-assoċazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' l-acquis ta' Schengen, l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-integrazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea u kwalunkwe trattat ta' adeżjoni futur.

9. It-transizzjoni għal proċeduri ta' ko-deċiżjoni għall-adozzjoni ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 62(2)(a) tat-Trattat hi mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li tirrigwarda d-demarkazzjoni ġeografika tal-fruntieri tagħhom, skond il-liġi internazzjonali.

10. Miżuri ta' inċentivi għas-sostenn ta' l-azzjoni ta' l-Istati Membri li tirrigwarda l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirresjedu fit-territorji tista' tiġi adottata mill-Kunsill li jaġixxi skond bażi legali xierqa prevista fit-Trattat.

11. Bħala konsegwenza tat-transizzjoni għal proċeduri ta' ko-deċiżjoni għall-adozzjoni ta' miżuri msemmija fl-Artikoli 62(2) u (3) tat-Trattat, ir-Regolamenti li jirriservaw għall-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' ċerti disposizzjonijiet dettaljata u proċeduri prattiċi għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' visi u għat-twettiq ta' kontrolli u sorveljanza fil-fruntieri għandhom jiġu emendati sabiex jeħtieġu lill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'dawk il-każijiet.

12. Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

13. Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitaá Ewropea, dawk l-Istati Membri esprimew ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Sa mill-1 ta' [April] [1] 2005 il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea meta jkun qed jadotta miżuri msemmija fl-Artikolu 62(1)(2)(a) u (3) ta' dak it-Trattat.

2. Sa mill-1 ta' [April] [1] 2005 il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea meta jkun qed jadotta miżuri msemmija fl-Artikolu 63(2)(b) u (3)(b) ta' dak it-Trattat.

[1] Jew fl-ewwel jum tax-xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, skond liema hi l-aktar kmieni.

Artikolu 2

L-Artikolu 251 tat-Trattat għandu japplika għal opinjonijiet tal-Parlament Ewropew miksuba mill-Kunsill qabel l-1 ta' [April] 2005 li jirrigwardaw proposti għal miżuri li fir-rigward tagħhom il-Kunsill għandu jaġixxi, skond din id-Deċiżjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

Artikolu 3

1. Fl-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 789/2001 ta' l-24 ta' [April] 2001[1] il-kliem "waqt li jaġixxi b'mod unanimu" għandhom jiġu sostitwiti bi "waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata" b'effett mill-1 ta' [April] 2005.

2 Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 790/2001 ta' l-24 ta' April 2001[2] il-kliem "waqt li jaġixxi b'mod unanimu" għandhom jiġu sostitwiti bi "waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata" b'effett mill-1 ta' [April] 2005.

Magħmula fi

Għall-Kunsill

Il-President

---

[1] ĠU L 116 tas-26 ta' April 2001, p. 2.
[2] ĠU L 116 tas-26 ta' April 2001, p. 5.